

31991L0339

L 186/64

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.7.1991

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Ġunju 1991

li temenda għall-11-il darba d-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi

(91/339/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Fkooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi għandhom jiġu adottati miżuri biex jistabbilixxu progressivament is-suq intern fuq perjodu taż-żmien li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkompreni żona min-għajr fruntieri interni li fiha huwa żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital;

Billi d-Direttiva 76/769/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/338/KEE ⁽⁵⁾, timponi, fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-Direttiva 85/467/KEE ⁽⁶⁾, restrizzjonijiet ħorox dwar il-marketing u l-użu tal-PCBs u tal-PCTs bħala konsegwenza tar-riskji għall-bniedem u għall-ambjent;

Billi ġew żviluppatti diversi sostituti sabiex jieħdu l-post tal-PCBs; billi xi wħud minn dawn is-sostituti, minkejja li inqas perikolużi għall-bniedem u għall-ambjent mill-PCBs u l-PCTs, jikkostitwixxu madankollu potenzjalment riskju ogħli għall-bniedem u għall-ambjent;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu ristretti l-marketing u l-użu ta' dawn is-sostituti;

Billi s-sustanza li ggħib l-isem kummerċjali ta' *Ugilec* 141 ilha fis-suq mill-1981; billi din is-sustanza jew il-preparazzjonijiet li fihom din is-sustanza huma korrentement użati bħala fluwidu dijeletriku fil-kondensaturi u t-transformers u bħala fluwidu idrawliku fil-minjieri tal-faħam; billi huwa magħruf li din is-sustanza hija inqas perikoluża għall-bniedem u għall-ambjent mill-PCBs li kienet iddisinjata biex teħdilhom posthom;

Billi bis-saħħa ta' l-ekotossiċità, il-persistenza u l-potenzjalità ta' bio-akkumulazzjoni tagħha, din is-sustanza madankollu tikkostitwixxi riskju kbir għall-ambjent; billi diġà għet iddokumentata kontaminazzjoni sinifikanti fl-ambjent qrib ta' operazzjonijiet tal-minjieri li jużaw din is-sustanza bħala fluwidu idrawliku; billi fil-każ ta' nar li jinvolvi t-tagħmir li jkun fih minn din is-sustanza jistgħu joħorġu sustanzi tossiċi bil-qawwi; billi disponiment finali ta' l-*Ugilec* 114 jeħtieġ proċeduri speċjali;

Billi s-sustanza li ggħorr l-isem kummerċjali ta' *Ugilec* 121 jew *Ugilec* 21, peress li hija sustanza ġdida, kienet innotifikata fil-15 ta' Marzu 1984, skond id-Direttiva tal-Kunsill 79/831/KEE tat-18 ta' Settembru 1979 li temenda għas-sitt darba d-Direttiva 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi ⁽⁷⁾ u għalhekk jistgħu jitqiegħdu fis-suq ġewwa l-Komunità kollha; billi din is-sustanza għandha proprjetajiet u mgħiba simili u kienet maħsuba għal użi simili bħal dawk ta' l-*Ugilec* 141; billi l-fabbrikant sossegwentement irtira mis-suq is-sustanza *Ugilec* 121 jew *Ugilec* 21 minn rajh; billi huma meħtieġa miżuri ristrettivi sabiex jiżguraw illi l-preparazzjonijiet jew il-prodotti li jkun fihom is-sustanza msemmija ma jergħgħux jitqiegħdu fis-suq f'data futura;

Billi s-sustanza li ggħibb l-isem kummerċjali ta' DBBT, peress li hija wkoll hija sustanza ġdida, kienet innotifikata skond id-Direttiva 79/831/KEE tas-16 ta' Frar 1988 u tista' għalhekk tiġi mqiegħda fis-suq ġewwa l-Komunità kollha; billi l-użu maħsub ta' din is-sustanza sewwa għaliha waħedha u sewwa fi preparazzjonijiet huwa dak ta' fluwidu idrawliku fil-minjieri tal-faħam; billi sadattant skadjet awtorizzazzjoni temporanja li kienet għet konċessa fi Stat Membru wieħed; billi użu bħal dan huwa mistenni li jirriżulta f'kontaminazzjoni ambjentali sinifikanti; bis-saħħa ta' l-ekotossiċità, il-persistenza u l-potenzjalità ta' bio-akkumulazzjoni tagħha din is-sustanza tista' tikkostitwixxi riskju potenzjali qawwi għall-ambjent; billi għandhom jiddaħħlu miżuri ristrettivi qabel ma din is-sustanza tistabbilixxi ruħha fis-suq Komunitarju;

⁽¹⁾ ĠU C 24, ta' l-1.2.1990, p. 20.

⁽²⁾ ĠU C 284, tat-12.11.1990, p. 84 u ĠU C 19, ta' l-20.5.1991.

⁽³⁾ ĠU C 168, ta' l-10.7.1990, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

⁽⁵⁾ ĠU L 186, tat-12.7.1991, p. 59.

⁽⁶⁾ ĠU L 269, tal-11.10.1985, p. 56.

Billi diġà jeżistu sostituzzjonijiet effettivi jew approċċi alternattivi li jneħħu l-ħtieġa li jibqgħu jintużaw dawn it-tliet sustanzi;

⁽⁷⁾ ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 10.

Billi r-restrizzjonijiet dwar l-użu jew il-*marketing* diġà adottati minn ċerti Stati Membri fir-rigward tas-sustanzi msemmija hawn fuq jew tal-preparazzjonijiet jew il-prodotti li jkun fihom lilhom għandhom effett dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjona-

ment tas-suq intern; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam u, b'konsegwenza ta' dan, li jiġi emendat l-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiġu hawnhekk miżjuda ma' l-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE:

"25. Il- monometil – tetraklorodifenil metan

L-isem kummerċjali: *Ugilec 141*

Nru CAS 76253-60-6

Għandhom jiġu pprojbiti mit-8 ta' Ġunju 1994 il-*marketing* u l-użu ta' din is-sustanza u tal-preparazzjonijiet u l-prodotti li jkun fihom minnha. Bħala eċċezzjoni din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika:

1. fil-każ ta' l-impjant u l-makkinarju diġà fis-servizz fit-18 ta' Ġunju 1994 sakemm dan l-impjant u l-makkinarju jitneħħew.

Madankollu, mit-18 ta' Ġunju 1994 l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni ta' l-ambjent, jipprojbixxu ġewwa t-territorju tagħhom l-użu ta' dawn l-impjant u makkinarju qabel ma jitneħħew;

2. Fil-każ tal-manutenzjoni ta' l-impjant u l-makkinarju li jkun diġà fis-servizz fit-18 ta' Ġunju 1994.

Mit-18 ta' Ġunju 1994 għandu jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq ta' l-oġġetti *second-hand* ta' din is-sustanza, il-preparazzjonijiet li jkun fihom din is-sustanza u l-impjant/makkinarju li fihom din is-sustanza.

26. Il- monometil -dikloro-difenil metan -

L-isem kummerċjali: *Ugilec 121, Ugilec 21*

Nru CAS - mhux magħruf

Għandhom jiġu pprojbiti l-*marketing* u l-użu ta' din is-sustanza u tal-preparazzjonijiet u l-prodotti li jkun fihom minnha.

27. Il-metan monometil-dibromo-difenil -

L-isem kummerċjali: *DBBT*

Nru CAS - 99688-47-8

Għandhom jiġu pprojbiti l-*marketing* u l-użu ta' din is-sustanza u tal-preparazzjonijiet u l-prodotti li jkun fihom minnha."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-18 ta' Ġunju 1992. Għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

2. Meta l-Istat Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Ġunju 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

G. WOHLFART